# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 3 ta' Ġunju 2025**

**Nru: 15**

**Rikors Ġuramentat Nru. 293/2025**

## L-Awtorità għat-Trasport f'Malta

**v**

## Il-bastiment 'MSC Valencia'

1. L-Awtorità għat-Trasport f'Malta ("TM") ressqet rikors ġuramentat kontra l-bastiment intimat li fih talbet li

   a. l-kawża tinstema' bid-dispensa tas-smigħ skont l-art. 167 *et seq* tal-Kap. 12; u

   b. l-qorti tiddikjara u tiddeċiedi li l-bastiment intimat hu debitur ta' TM fl-ammont ta' €781,537.46 għal spejjeż inkorsi minn TM sabiex il-bastiment jibqa' jifħaħ għall-baħar u s-saħħa u l-ħajja tal-ekwipaġġ abbord l-istess bastiment jiġu mħarsa, bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv; u

   c. l-qorti tordna u tikkundanna lill-bastiment iħallas lil TM is-somma ta' €781,537.46 fi żmien qasir u perentorju, bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv;

u dan b'riżerva għal spejjeż ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv. Intalbu ukoll l-ispejjeż ta' mandat ta' arrest.

2. TM sejset it-talbiet fuq dawn il-premessi:

1. Illi wara li saret id-diliġenza dovuta, irriżulta illi sid il-bastiment intimat huwa milqut b'sanzjonijiet Ewropej u għaldaqstant huwa soġġett għad-direzzjoni u l-iskrutinju tal-Bord ta' Sorveljanza dwar is-Sanzjonijiet (''**SMB**'');
2. Illi in vista tas-sanzjonijiet surreferiti, l-Awtorita' rikorrenti kienet oriġinarjament ċaħdet it-talba tal-bastiment intimat sabiex jidħol fl-ibħra territorjali ta' Malta, liema talba kellha sussegwentement tiġi milqugħa, bil-kunsens tal-SMB, in segwitu għat-talba għall-għajnuna ("*vessel in distress*") magħmula mill-istess bastiment intimat;
3. Illi l-bastiment intimat tħalla jidħol fl-ibħra territorjali ta' Malta fuq l-aċċertazzjoni da parti tal-kumpannija MS "MSC Valencia" Schiffahrtsgesellschaft mbH bħala l-'*bareboat charterer'* ("**il-*Bareboat Charterer***") tal-bastiment intimat tramite l-Kaptan tal-istess bastiment, illi l-*Bareboat Charterer* kien ser jonora l-obbligi tiegħu u jagħmel tajjeb għall-ispejjeż kollha marbuta mal-preservazzjoni tal-bastiment intimat;
4. Illi ftit wara illi l-bastiment intimat daħal fl-ibħra territorjali ta' Malta, inħareġ fil-konfront tiegħu mandat ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar 'il fuq min għaxar metri bin-numru ta' referenza 2037/2023 li ġie akkordat mill-Onorabbli Prim` Awla tal-Qorti Ċivili fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023)[1];
5. Illi minbarra l-mandat surreferit inħarġu ukoll sitt mandati ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar 'il fuq min għaxar metri oħra fil-konfront tal-bastiment intimat minn kredituri differenti bin-numri ta' referenza 2189/2023, 173/2024, 1058/2024, 1551/2024, 1679/2024, u 1868/2024 akkordati mill-Onorabbli Prim` Awla tal-Qorti Ċivili fl-għoxrin (20) ta' Novembru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023)[2], fil-wieħed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024),[3] ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024),[4] tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024)[5], fis-sittax (16) ta' Ottubru tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024)[6], u fil-ħdax (11) ta' Novembru tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024)[7] rispettivament;
6. Illi l-Awtorita` rikorrenti, qua l-Awtorita` li taħt is-setgħa u l-kontroll tagħha jinsab il-bastiment intimat, ordnat illi l-bastiment intimat jinżamm ankrat fl-ibħra territorjali ta' Malta, u dan peress illi in vista' tad-daqs tal-istess bastiment, mhuwiex prattiku illi l-imsemmi bastiment jinżamm f'xi port, u dan kif kemm-il darba ġie avżat lill-bastiment intimat;

---

[1] Bl-ismijiet North by Northwest GmbH vs 'MSC Valencia'
[2] Bl-ismijiet Marlow Navigation Co Ltd vs il-Bastiment 'MSC Valencia'
[3] Bl-ismijiet MSC Mediterranean Shipping Company SA pro et noe vs il-Bastiment 'MSC Valencia'
[4] Bl-ismijiet North by Northwest Gmbh vs il-Bastiment 'MSC Valencia'
[5] Bl-ismijiet North by Northwest GmbH vs Bastiment 'MSC Valencia'
[6] Bl-ismijiet AM Asia M 14 Limited vs il-Bastiment 'MSC Valencia'
[7] Bl-ismijiet AM Asia M 14 Limited vs il-Bastiment 'MSC Valencia'

7. Illi jirriżulta lill-Awtorita` rikorrenti illi d-disputa fil-mertu bejn il-partijiet ikkonċernati għadha għaddejja u l-bastiment għadu għaldaqstant milqut bil-mandati ta' arrest surreferiti;

8. Illi permezz ta' korrispondenza mibgħuta lill-Awtorita` rikorrenti mill-avukat tat-*Technical Managers* u l-*Bareboat Charterer* in rappreżentanza tal-bastiment intimat, ġie indikat lill-Awtorita` rikorrenti illi l-*Bareboat Charterers* kien ser iwaqqaf l-attivitajiet tiegħu fil-15 ta' Marzu 2023 stante illi, skont l-imsemmija avukat ir-reġistrazzjoni tal-bastiment mal-bandiera Portugiża u kif ukoll iċ-ċertifikati tal-klassi kienu ser jiskadu fil-15 ta' Marzu 2023. L-imsemmija kommunikazzjoni qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok TM1-TM3';**

9. Illi l-avukat tal-bastiment intimat irrilevat ukoll illi konsegwentement għall-iskadenza tar-reġistrazzjonijiet surreferiti, l-assigurazzjoni tal-bastiment ma kienetx ser tiġġedded b'dan illi, mill-15 ta' Marzu 2023, il-bastiment intimat ma kienx ser ikun kopert b'polza ta' assigurazzjoni;

10. Illi l-Awtorita` rikorrenti wissiet kemm-il darba lill-intimat illi l-istess intimat, kif ukoll il-*Bareboat Charterer,* jibqgħu dejjem responsabbli għall-preservazzjoni tal-bastiment kif ukoll għas-sigurtà u s-saħħa tal-ekwpiġġ abbord, u n-nuqqas da parti tagħhom illi jaċċertaw ruħhom minn dan u li jaċċertaw ruħhom illi l-bastiment intimat jibqa' jiflaħ għall-baħar u kopert b'polza ta' assigurazzjoni adegwata jikkostittwixxi abbandun premeditat tal-obligazzjonijiet tagħhom. Kopja tal-protest ġudizzjarju li ġie ntavolat kontra l-intimati f'dan ir-rigward qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala **'Dok TM4';**

11. Illi b'konsegwenza tal-abbandun da parti tal-bastiment intimat tal-obbligazzjonijiet tiegħu, inkluż li jassigura li jibqa' jiflaħ għall-baħar u li jkun kopert b'polza ta' assigurazzjoni adegwata u li s-saħħa u l-ħajja tal-ekwipaġġ abbord tiġi mħarsa u ma tiġix ipperikolata, l-Awtorita` esponenti kellha tintervjeni billi tipprovdi *bunkers* urġenti u fornimenti oħra lill-bastiment intimat u l-ekwipaġġ tiegħu minħabba s-sitwazzjoni ta' emerġenza, u għal raġunijiet umanitarji li nqalgħu biss minħabba l-azzjonijiet irresponsabbli tal-bastiment intimat;

12. Illi *ai termini* tal-Att dwar l-Awtortita` għat-Trasport f'Malta (Kapitolu 499 tal-Liġijiet ta' Malta) l-Awtorita` rikorrenti hija *inter alia* l-Awtorita` responsabbli għall-ħarsien tas-sigurtà tan-navigazzjoni fl-ibħra Maltin u tal-ħajja fuq il-baħar;

13. Illi għaldaqstant l-intervent tal-Awtorita`rikorrenti kien neċessarju sabiex tiġi assigurata s-sigurta` tal-ħajja fuq il-baħar u s-sigurta` tan-navigazzjoni;

14. Illi l-Awtorita` rikorrenti saħansitra talbet lil din l-Onorabbli Qorti fl-atti tat-tliet mandati ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar 'il fuq min għaxar metri surreferiti, sabiex tordna lill-bastiment intimat jonora l-obbligazzjonijiet kollha tiegħu u b'mod immedjat jieħu dawk il-passi meħtieġa sabiex il-bastiment intimat jibqa' jiflaħ għall-baħar u kopert b'polza ta' assigurazzjoni adegwata. Kopji tar-rikorsi u d-digrieti relattivi qed jiġu hawn annessa u mmarkati bħala '**Dok TM5-TM7**';

15. Illi din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Marzu tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024),[8] u nhar id-dsatax (19) t'Awwissu tas-sena elfejn erbgħa u

[8] Fl-Atti tal-Mandat t' Arrest Kawtelatorju ta' Bċejjeċ tal-Baħar 'il fuq min għaxar metri tul bin-numru 173/2024, Fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili

għoxrin (2024),[9] laqgħet it-talba tal-Awtorita`rikorrenti u ddekretat illi l-bastiment għandu *''...jonora l-obbligi kolha tiegħu u b'mod immedjat għandu jieħu dawk il-passi kollha meħtieġa sabiex jibqa' jiflaħ għall-baħar u jieħu dawk il-passi kollha possibbli biex ikun kopert b'polza ta' assikurazzjoni adegwata.''*,[10] **u li** *''...fi żmien qasir ta' mhux aktar minn tnax-il gimgħa mil-lum jassigura li jieħu l-passi kollha meħtieġa biex jibqa' jiflaħ għall-baħar.ukoll li jkun kopert b'polza adegwatra ta' assikurazzjoni.''* [11]

16. Illi sussegwentement, l-Awtorita` rikorrenti ħallset għal diversi spejjeż sabiex il-bastiment intimat jibqa' jiflaħ għall-baħar u tiġi assigurata l-ħajja tal-ekwipaġġ abbord l-istess bastiment. In fatti l-Awtorita` rikorrenti proċediet kontra l-bastiment intimat għal *bunkers* u fornimenti li ġew provduti lill-bastiment intimat sad-data tal-preżentata tal-proċeduri imsemmija,[12] u ċjoe sad-disgħa u għoxrin (29) t'Ottubru tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024), liema spiża ammontat għal seba' mija, wieħed u disgħin elf, ħames mija u disgħa u ħamsin Ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmi (€791,559.49);

17. Illi konsegwentement, l-Awtorita` rikorrenti talbet il-ħruġ ta' mandat ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar 'il fuq min għaxar metri fil-konfront tal-bastiment intimat, liema mandat ġie akkordat minn din l-Onorabbli Qorti nhar l-għaxra (10) t'Ottubru tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024),[13] u dan sabiex l-imsemmija Awtorita` tikkawtela l-pretensjonijiet tagħha. B'dan illi fil-ġurnata tal-preżentata tar-rikors ġuramentat odjern, il-bastiment intimat jinsab milqut b'kollox b'tmien (8) mandati ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar 'il fuq min għaxar metri separati;

18. Illi din l-Onorabbli Qorti għoġobha tilqa' t-talba għall-ħlas tal-ispejjeż inkorsi mill-Awtorita` rikorrenti nhar it-tnejn (2) ta' Diċembru tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024),[14] liema deċiżjoni ġiet appellata mis-sidien tal-bastiment intimat u tinsab pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Superjuri)[15]. Kopja tas-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti nhar it-tnejn (2) ta' Diċembru tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) qed tiġi hawn anness u mmarkata bħala '**Dok TM8';**

19. Illi minkejja l-ordni ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex il-bastiment intimat iħallas lill-Awtorita` rikkorenti s-somma hawn fuq indikata sas-sitta (6) ta' Diċembru tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin

[9] Fl-Atti tal-Mandat t'Arrest Kawtelatorju ta' Bċejjeċ tal-Baħar 'il fuq min għaxar metri tul bin-numru 2037/2023 Fl-Atti tal-Mandat t'Arrest Kawtelatorju ta' Bċejjeċ tal-Baħar 'il fuq min għaxar metri tul bin-numru 2189/2023

[10] Fl-Atti tal-Mandat t' Arrest Kawtelatorju ta' Bċejjeċ tal-Baħar 'il fuq min għaxar metri tul bin-numru 173/2024, Fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili

[11] Fl-Atti tal-Mandat t'Arrest Kawtelatorju ta' Bċejjeċ tal-Baħar 'il fuq min għaxar metri tul bin-numru 2037/2023 Fl-Atti tal-Mandat t'Arrest Kawtelatorju ta' Bċejjeċ tal-Baħar 'il fuq min għaxar metri tul bin-numru 2189/2023

[12] Rikors Ġuramentat Nru 1174/2024, fl-ismijiet 'l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta vs Il-Bastiment 'MSC Valencia'

[13] Mandat bin-numru 1645/2024, bl-ismijiet l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta vs il-Bastiment MSC Valencia

[14] Rikors Ġuramentat Nru 1174/2024, fl-ismijiet 'l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta vs Il-Bastiment 'MSC Valencia'

[15] Rikors ta' Appell Nru 1174/2024/1, fl-ismijiet 'l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta vs Il-Bastiment 'MSC Valencia'

(2024), sal-ġurnata tal-preżentata tar-rikors odjern, l-Awtorita` rikorrenti għadha ma rċievit l-ebda ħlas għall-ammont dovut mill-bastiment intimat;

20. Illi barra l-ispejjeż hawn fuq indikati, l-Awtorita` rikorrenti kellha tkompli tagħmel tajjeb għal diversi spejjeż oħra li ġew inkorsi wara l-preżentata tal-ewwel kawża kontra l-bastiment intimat, u ċjoe wara d-disgħa u għoxrin (29) t' Ottubru tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024). Apparti minn hekk, il-bastiment huwa wkoll soġġett għal drittijiet statutorji għall-ankraġġ skont ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet għall-Irmiġġ u għall-Ankraġġ (L.S. 499.38), liema drittijiet qed jakkumulaw bir-rata ta' tliet mija u ħamsin Ewro (€350) kull ġurnata jew parti minnha, u liema drittijiet mhumiex qed jiġu mħallsa wara li saru pagamenti relatati fil-bidu.

21. Dawn id-drittijet u spejjeż kienu jinkludu *bunkers* u fornimenti li ġew provduti lill-bastiment intimat wara l-preżentata tal-ewwel kawża, u dan sabiex l-istess bastiment jibqa' jiflaħ għall-baħar, liema spiża sal-ġurnata tal-preżentata tar-rikors odjern tammonta għal **seba' mija, wieħed u tmenin elf, u ħames mija u sebgħa u tletin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€781,537.46),** rappreżentanti spejjeż inkorsi għal *bunkers* provduti, spejjeż inkorsi għal żejt, għall-użu ta' bastimenti (service launches/conveyance vessels) sabiex iwasslu l-fornimenti, spejjeż inkorsi għal fornimenti provduti, kif ukoll drittijiet għall-ankraġġ. Kopja tal-fatturi relattivi qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala **'Dok TM9- TM21';**

22. Illi għalhekk l-ammonti kollha msemmija iktar 'il fuq ossia l-ammont ta' seba' mija, wieħed u tmenin elf, u ħames mija u sebgħa u tletin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€781,537.46) huwa dovut lill-Awtorita` rikorrenti mill-bastiment intimat hekk kif spjegat iktar 'il fuq u kif muri fl-anness prospett ta' ħlasijiet immarkat bħala **'Dok TM22';**

23. Illi dawn il-pretensjoniijiet huma tali li l-Awtorita` rikorrenti tista' tieħu azzjoni *in rem* kontra l-bastiment intimat liema bastiment jinsab fl-ibħra territorjali Maltin u dana, *inter alia,* abbażi tal-Artikolu 742B(o) u (q) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta peress li hawn si tratta ta' fornitura ta' *bunkers*, provvisti u neċessitajiet forniti lil vapur għat-tħaddim, immaniġġar, żamma u manutenzjoni tiegħu u drittijiet portwarji; u liema spejjeż huma garantiti wkoll permezz ta' privileġġ speċjali fuq il-bastiment *ai termini* tal-Artikolu 50(g) tal-Kapitolu 234 tal-Liġijiet ta' Malta;

24. Illi b'hekk l-Awtorita` rikorrenti għandha dritt tipproċedi b'dawn il-proċeduri *in rem* kontra l-bastiment intimat sabiex tiġi saldata a favur tal-istess Awtorita` dawn l-ammonti li għadhom dovuti;

25. Illi l-bastiment intimat ġie interpellat diversi drabi mill-Awtorita` rikorrenti sabiex iħallas l-ammont hawn fuq imsemmi. Kopja tal-komunikazzjoni eletronika qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala **'Dok TM23'**;

26. Illi nonostante li l-bastiment intimat ġie ordnat jonora l-obbligi tiegħu min din l-Onorabbli Qorti, kif ukoll ġie interpellat diversi drabi mill-Awtorita` rikorrenti sabiex iħallas is-somma ta' seba' mija, wieħed u tmenin elf, u ħames mija u sebgħa u tletin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€781,537.46**)**, l-intimat baqgħa inadempjenti, u addirittura saħaq li m'huwiex responsabbli għal dawn l-ispejjeż;

27. Illi fiċ-ċirkostanzi r-rikorrenti ma kelliex għażla oħra ħlief li tintavola din il-kawża;

28. Illi l-imsemmi ammont ta’ seba’ mija, wieħed u tmenin elf, u ħames mija u sebgħa u tletin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€781,537.46) **huwa dejn ċert, likwidu u dovut u li ma jikkostitwix fl-eżekuzzjoni ta’ xi fatt,** mill-bastiment intimat lill-Awtorita` rikorrenti u għalhekk fil-fehma tal-istess Awtorita` jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ, billi fl-umli fehma tal-istess Awtorita` esponenti, il-bastiment intimat m’ għandux eċċezzjonijiet validi xi jressaq kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont;

3. Il-kawża tqiegħdet fuq il-lista tat-3 ta’ Ġunju 2025 skont id-digriet tat-2 ta’ Mejju 2025 u r-rikors ġuramentat, bid-dokumenti miegħu u bid-digriet tal-qorti, ġie notifikat lill-bastiment fit-13 ta’ Mejju 2024.

4. Għas-smigħ deher il-kaptan tal-bastiment. Il-kaptan kien rappreżentat mill-avukati Abigail Bugeja u Zachary Zammit, li stqarrew li kienu qed jirrappreżentaw lill-bastiment u lill-*bareboat charterers*.

5. Deher ukoll l-avukat Joseph Camilleri li stqarr li kien qiegħed jidher għas-sidien tal-bastiment. L-avukat Camilleri għamel referenza għan-nota imressqa mis-sidien skont l-art. 170 tal-Kap. 12 fit-2 ta’ Ġunju 2025; u l-pożizzjoni li ħa kienet li s-sidien għandhom id-dritt li jirrapreżentaw il-bastiment.

6. Skont il-verbal tas-smigħ tal-lum, il-qorti ma qiesitx li nota in kwistjoni tressqet f’isem il-bastiment. Għalkemm dan ma ngħadx speċifimament, dan sar fid-dawl ta’ deċiżjonijiet f’kawżi oħra fejn is-sidien ressqu pożizzjoni identika. Għalhekk il-qorti mhix sejra tqis dak li qalu s-sidien fir-rigward tal-kawża kontra l-bastiment.

7. Il-bastiment stqarr, permezz ta’ nota, li mhux qed jikkontesta l-ammonti mitluba, iżda li l-allegazzjoni ta’ abbandun tal-bastiment hi kkonstata.

8. Il-bastiment la qajjem kwistjoni dwar l-użu tal-proċedura speċjali sommarja li ntużat minn TM u lanqas wera – anzi lanqas ttenta juri – li għandu eċċezzjonijiet x’jagħti għat-talbiet; jew li għandu fatti jew punti ta’ dritt li jistgħu jitqiesu biżżejjed biex jitħalla jressaq difiża.

9. Fid-dawl ta’ dan il-qorti hi, skont l-art. 170(1) tal-Kap. 12, marbuta li tilqa’ t-talba ta’ TM.

Għalhekk il-qorti:

1. tilqa' t-talba biex tqis il-kawża bid-dispensa tas-smigħ skont l-art. 167 *et seq* tal-Kap. 12;

2. tiddikjara u tiddeċiedi li l-bastiment intimat hu debitur ta' TM fl-ammont ta' €781,537.46 għal spejjeż inkorsi minn TM sabiex il-bastiment jibqa' jifħaħ għall-baħar u s-saħħa u l-ħajja tal-ekwipaġġ abbord l-istess bastiment jiġu mħarsa, bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv; u

3. tikkundanna lill-bastiment iħallas lil TM is-somma ta' €781,537.46 sa mhux minn xahar mil-lum, bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż inklużi dawk u tal-mandat ta' arrest 1645/2024.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur